MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 492/2005

**Mary Caruana**

**vs**

**Rita Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attrici Mary Caruana ghall-kundanna tal-konvenuta Rita Spiteri ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u hames mitt Lira Maltin (LM4,500.00,0), ammont minnha dovut lilha bhala self moghti lilha brevi mano;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta Rita Spiteri li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Mejju tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici Mary Caruana bl-ispejjez kontra l-konvenuta Rita Spiteri.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------